MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2728/2002

**Paul Pace
Vs
Cutrico Services Limited**

**It-Tribunal,**
**Ra l-Avviz, fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru, 2002 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta thallas l-ammont dovut ta' Lm412.75 (erbgha mija u tnax il-lira maltin u hamsa u sebghin centezmu) bhala hlas rappresentanti, paga, overtime, bonus u leave illi ma prevalixxiex ruhu minn l-attur.**

**L-attur kien jahdem mas-socjeta konvenuta sa mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar, tas-sena elfejn u tnejn (2002). Skrittura annesa (Dok PP1) u fl'Ottubru tas-sena kurrenti kien irrizenja, wara illi nghata l-avviz rikjest mill-ligi.**

**Is-socjeta konvenuta naqset illi thallas lil-attur is-somma ta' erbgha mija u tnax il-liri Maltin u hamsa u sebghin sentezmu (Lm412.75) rappresentanti, paga,**

**overtime, bonus u leave illi ma prevalixxiex ruhu minn l-attur.**

**Minkejja illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata (Dok PP2) u l-attur ghamel rapport mal-Labour Office, baqghet inadempjenti.**

**Bl-ispejjes tal-presenti, ta' l-ittra interpellatorja datata 1 ta' Novembru, 2002, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta illi hija minn issa ingunta in subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, fejn intqal li l-ammont kif pretiz fl-avviz mhux dovut lill-attur;**

**L-ammont dovut lill-attur huwa dak ta' Lm322.76 (tliet mija u tnejn u ghoxrin lira maltin u sitta u sebghin centezmu) (kif jidher mill-hawn anness dokument 'GC 1'), liema ammont diga' gie prezentat ghall-hlas lill-attur u rrifjutah;**

**Ghaldaqstant, l-ammont ta' Lm322.76 (tliet mija u tnejn u ghoxrin lira maltin u sitta u sebghin centezmu) gie depozitat il-Qorti permezz ta' cedola (kopja hawn annessa bhala dokument 'GC 2').**

**Sema' ix-xhieda u ezamina id-dokumenti.**

**Ikkonsidera,**

**Illi dan it-Tribunal ma jistax ma jikkummentax illi din hija kawza konsistenti b'nuqqas ta' qbil bejn ex-impjegat u l-ex-Principal dwar 'la bella somma' ta' Lm44.50 (erbgha u erbghin lira maltin u hamsin centezmu) u kaxxa tal-ghodda.**

**Iz-zewg partijiet kienu frettuluzi wisq fil-konkluzjonijiet li waslu ghalihom tant li inbdew il-proceduri immedjatament, nuqqas ta' qbil li seta' facilment jigi solvut minnghajr ma kellhom ghalfejn jirrikorru ghall-proceduri gudizzjarji.**

**Jidher li hemm qbil li l-ammont dovut lill-attur huwa ta' Lm368.25 (tliet mija u tmienja u sittin lira maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) u mhux dak minnu reklamat tas-somma ta' Lm412.75 (erbgha mija u tnax il-lira maltin u hamsa u sebghin centezmu). Dana huwa dovut ghall-fatt li seta' gie sgwidat bl-informazzjoni kif redatta fil-payslip tieghu.**

**Illi inoltre, it-tnaqqis tal-ammont ta' Lm45.69 (hamsa u erbghin lira maltin u disa' u sittin centezmu) (prezz tal-kaxxa tal-ghodda) mhux permissibbli bil-ligi. Stante, l-pagat salarju lill-haddiem ghandha tinghatalu fl-intier taghha, deducibbli biss huwa t-taxxa u l-kontribuzzjoni tas-sigurta' nazzjonali u dik ta' membru f'ghaqda sindakali – u xejn aktar. Din hija prassi li projbita 'en lege' u li ghandha tispicca. Kull ammont iehor talvolta dovut ghandu jsir reklam 'ad hoc' ghalih u ma jibbazax ruhu fuq l-introjtu remmerattiv. Ir-raguni hija ovja billi l-haddiem u l-familja tieghu jridu jghixu b'dak id-dhul.**

**Illi mid-dokumenti esebiti u xhieda prodotti mis-socjeta' konvenuta, jirrizulta li l-ammont dovut huwa Lm368.25 (tliet mija u tmienja u sittin lira maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) ((li minnhom Lm299.47 (mitejn u disa' u disghin lira maltin u seba' u erbghin centezmu) jinsabu depozitati taht l-awtorita' tal-Onnorabbli Qorti tal-Magistrati, Malta)).**

**U in viste tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------